MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Numru 515/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**Vs**

Frankie Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Frankie Pace ta' karta ta' identita' numru 319679(M), akkuzat talli:

a) nhar l-10 ta' April 2005, ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghaxija mill-Isptar San Luqa G'Mangia fejn kien qieghed ghal kura u osservazzjoni, harab mill-kustodja tal-persuna inkarigata mill-kustodja tieghu u cioe' PC1017 Joseph Sammut u ghamel dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) nhar l-10 ta’ April 2005, bil-lejl gewwa Rahal Gdid ikommetta serq ta’ vettura ta’ ghamla Escort bin-numru ta’ LAR764, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda mhux iktar minn elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Tabone minn Rahal Gdid;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilu liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jigu mibdula.

d) Waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar 05.09.03, fejn hu kien gie misjub hati u kkundannat ghal piena ta’ 13 il-xahar sospizi ghal erba’ snin, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti volontarjament u inkondizzjonatament l-akkuzi f’liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta’ harba semplici, serq, li kkommetta l-imsemmja reati waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, u b’recidiva.

Fil-konfront dawn l-akkuzi l-imputat ammetta izda ma jirrisultax fic-car jekk rigward il-ksur tas-sentenza sospiza l-kundanna gja gietx ikkunsidrata f’xi sentenza qabel din tal-lum u ghalhekk gja tpoggiet fis-sehh.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 151, 261(b)(f)(g)(c), 264, 267, 270, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 17, 31, 49, 50 tal-Kap 9 tikkundannah disa’ xhur prigunerija.

Fil-konfront l-ahhar akkuza li kkommetta r-reati waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza qeghdha tordna li l-perjodu ta' prigunerija hemm imposta tigi fis-sehh hlief jekk gja giet ikkunsidrata qabel.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------